School Competition for a European Name

Impact your Environment

## Stedina sabiex tipparteċipa fil-kompetizzjoni ta' l-iskola

# Insibu Isem Ġdid għall-Inizjattiva Ġdida Ewropea

Matul il-ftit snin li ġejjin, il-GMES (Tħaris Globali għall-Ambjent u s-Sigurtà) sejra issir is-sistema Ewropea sabiex tipprovdi l-informazzjoni neċessarja sabiex tħares u tbaħħar l-ambjent. GMES hija inizjattiva ambizzjuża minħabba d-diversità tal-komponenti tagħha (satelliti, elementi ibbażati fuq l-art u fuq l-ilma) u s-sensiela wiesa' ta' l-applikazzjonijiet tagħha.

Il-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea, Günter Verheugen jixtieq isib isem memorabbli u attraenti għall-GMES u għaldaqstant iddeċieda li jistieden l-iskejjel u l-kulleġġi fl-Ewropa sabiex iħaddmu l-kreattività tagħhom u jsibu isem ġdid għal din l-inizjattiva.

Aħna napprezzaw li kieku inti tintegra din il-kompetizzjoni fil-kurrikulum ta' l-iskola tiegħek. Hija deċiżjoni ta' kull skola individwali li tiddeċiedi liema suġġett (e.ż. ġeografija, studji ambjentali, fiżika, eċċ.) ikun l-aktar xieraq sabiex jinkludi s-suġġett tal-GMES. Jekk inti taċċetta li tipparteċipa, aħna nibagħtulek informazzjoni u materjal ieħor dwar il-GMES. Meta l-istudenti jkollhom tagħrif tajjeb dwar l-iskop tal-GMES u t-teknoloġiji warajh, huma jaħdmu bħala tim sabiex jidħlu fil-kompetizzjoni. Inti tista' tkun tixtieq ukoll li tuża l-informazzjoni sabiex tistimula diskussjonijiet fil-klassi dwar ir-rwol taċ-ċittadini u l-gvernijiet meta tindirizza dawn is-suġġetti.

Din il-kompetizzjoni hija indirizzata għall-istudenti li huma fl-aħħar snin ta' l-iskola tagħhom qabel ma jibdew jaħdmu jew jibdew l-università. Permezz ta' din l-inizjattiva, aħna nixtiequ nħeġġu is-sentiment ta' ċittadinanza Ewropea tagħhom filwaqt li ninvolvuhom f'dan il-programm Ewropew li l-għan tiegħu huwa li ntejjbu l-ambjent u s-sigurtà futuri.

L-ewwel pass sabiex tieħu sehem f'din il-kompetizzjoni huwa li tirreġistra fuq il-webpage dedikata (http://www.gmes-competition.info) qabel l-aħħar ta' Ġunju 2006. Kmieni Settembru, dawk li rreġistraw jirċievu l-kit ta' l-iskola tal-GMES li jkun fih pamflet għall-għalliema, poster għall-klassi u CD-ROM b'filmat li juri s-servizzi differenti li jkunu parti tal-GMES.

Imbagħad inti jkollok sa' l-aħħar ta' Ottubru 2006 u kull klassi għandha tibgħat dħul wieħed (isem ġdid) b'massimu ta' 15-il linja li jispjega l-għażla. L-intenzjoni hija li l-isem għandu jkun ir-riżultat ta' konsensus fost il-klassi. Dan jagħti lill-istudenti l-esperjenza li jaħdmu bħala tim.

Ġurija magħmula minn esperti internazzjonali tagħżel id-daħla rebbieħa.

Sabiex jkompli jiġi avvanzat l-ispirtu ta' tim, il-klassi rebbieħa u l-għalliema tagħha jiġu ppremjati b'vjaġġ fuq ballun baraxx fuq ir-reġjun tagħha. Din it-titjira sseħħ fil-preżenza ta' diversi personalitajiet Ewropej.

Aħna nisperaw li l-iskola tiegħek tipparteċipa f'din il-kompetizzjoni u aħna nixtiequ nirringrazjawk bil-quddiem tas-sehem tiegħek.

It-tim tal-kompetizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea